Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 19**

**Data:** It-Tnejn, 31 ta' Lulju 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużat**
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru

**Online**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sa. Anne Marie Muscat Fenech Adami - Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvem Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

**19.1 Ittri ta' apoloġiji**

19.1.1 Il-President semma li s-Sur Charles Bonello, is-Sur Max Zammir, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Anthony Chircop talbu li jkunu skużati minħabba impenji relatati ma' xogħol jew ma' safar jew affarjiet personali oħrajn.

19.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

19.1.3 Il-President semma li kien hemm Membri oħrajn li talbu li jiħlu online peress li ma setgħux jattendu fiżikament.

19.1.4 Il-President semma minħabba li l-President tar-Reġjun Tramuntana kien ilu assenti għal ftit ġimgħat mhux ħażin minħabba problemi personali, il-President ħass li kellu jinforma lill-Viċi President tar-Reġjun sabiex tibda tattendi għal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni sakemm il-President ikun assenti. Dan anki sabiex ir-Reġjun ikun rappreżentat.

**19.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 18**

19.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

19.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**19.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 19**

19.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u Chev Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Ġunju 2023 u 31 ta' Lulju 2023 li kienet tammonta għall-€212,158.02

19.3.2 Il-President propona li s-Sa. Muscat Fenech Adami tastejni mill-vot peress li din kienet l-ewwel laqgħa tagħha.

**19.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **19.4.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li għaddejjin il-laqgħat anki fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti sabiex jiġi konkluż dan il-ftehim. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **19.4.2 Bus Shelters** | Il-President semma li l-ftehim bejn il-partijiet ġie konkluż u issa ser ikun hemm laqgħat bejn il-partijiet sabiex il-kuntrattur jibda jipproċedi bit-talbiet tal-Bus Shelters li kienu saru mill-Kunsill Lokali. Semma li qed isiru wkoll laqgħat ma' Transport Malta sabiex il-proċess ikun wieħed effiċjenti. Semma li hemm diskussjonijiet ukoll mal-Enemalta peress li hemm ħafna Bus Shelters li m' għandhomx elettriku u ma jistgħux jinxtgħelu. |
| **19.4.3 Foundation for Social Wellbeing Project** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tattendi għal Task Force Meeting li qed ikun organizzat kull xhar. |
| **19.4.4 Taħriġ** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tkompli bit-taħriġ primarjament fuq Customer Care u Project Management. |
| **19.4.5 Post Vakant Skala 11** | Il-President semma li kien kompla il-proċess mal-Jobsplus. |
| **19.4.6 Internal Audit Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** | Il-President semma li hemm laqgħa fuq is-suġġett fil-preżenza tal-Awditur Ġenerali, is-Segretarju Permanenti u anki d-Direttur u l-Assistent Direttur għall-Compliance, |
| **19.4.7 EUROPE Hope** | Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni mill-organizzaturi sabiex l-Assoċjazzjoni tkun rappreżentata waqt il-Laqgħa Annwali li ser issir ġewwa Madrid. |
| **19.4.8 Leave mhux meħud** | Il-President semma li ser ikun qed jimxi mad-Direttiva mogħtija mid-Dipartiment. |
| **19.4.9 IDEA** | Il-President semma li kien ser jiġi ffirmat MoU ma' IDEA sabiex il-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali u Membri Eletti jibbenifikaw minn sponsorship ta' 30%. |
| **19.4.10 Projects Green** | Il-President semma li kellu laqgħa ma' CEO fejn kienet ikkontestata d-deċiżjoni li ħadu Projects Green li jeliminaw |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | kompletament proġett ta' ħdura fl-urban propost mill-Assoċjazzjoni. Semma wkoll li waqt din il-laqgħa, il-President ura d-diżappunt tiegħu għal mod kif saru l-affarjiet meta għandek kunsilli li lanqas ġew ikkonsultati bi proġetti sottomessi mill-NGOs fil-lokal. |
| **19.4.11 Ritratti ta' kull lokal** | Il-President semma li fl-attivita' li saret il-Barrakka ta' Fuq nhar 22 ta' Lulju kien ukoll imnieda l-proġett ta' ritratti minn kull lokalita'. Semma li ser issir replika għal kull Kunsill kif ukoll għar-Reġjun. |
| **19.4.12 Emenda legali fuq ħlasijiet tal-permessi** | Il-President semma li kien gaħdu qed jitlob laqgħa fuq is-suġġett. |
| **19.4.39 Proġett ta' Ritratti** | Il-President semma li kien qed jiġi konkluż il-proġett ta' ritratti f' kull lokalita'. Semm li kienu ser jiġu ordnati sitt kolloni tal-injam sabiex issir esebizzjoni ġewwa l-Barrakka ta' Fuq waqt l-avveniment li kien ser jiġi organizzat nhar 22 ta' Lulju 2023. |

**19.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni – Reviżjoni Estimi finanzjarji 2023**

19.5.1 Il-President preżenta għall-approvazzjoni r-Reviżjoni tal-Estimi Finazjarji 2023 kif preparati mis-Segretarju Eżekuttiv.

19.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**19.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni – Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2023**

19.6.1 Il-President preżenta għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjaru għat-Tieni Kwart tas-Sena 2023 kif preparati mis-Segretarju Eżekuttiv.

19.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Caruana, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**19.7 Komunikazzjoni mill-President**

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **19.7.1 MoU mal-Univerista' ta' Malta** | Il-President semma li għaddejjin diskussjonijiet sabiex jiġi ffirmat MoU mal-Prof. Alan Deidun sabiex ikun hemm kollaborazzjoni sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jassistu f' riċerki li jkunu qed isiru kif ukoll il-Kunsilli jkollhom l-għajnuna teknika u l-esperti sabiex imexxu riċerka fil-lokalita'. |
| **19.7.2 Laqgħa Swieq fil-Beraħ** | Il-President semma li kien hemm laqgħa fuq livell Ministerjali li għaliha kienet mistiedna l-Assoċjazzjoni. Il-President semma li jidher li kienu saru laqgħat qabel fuq l-istess suġġett u li għalihom l-Assoċjazzjoni ma kinitx mistiedna. Għaldaqstant, il-President semma li huwa informa li ma kienx f' pożizzjoni li japprova pożizzjonijiet li ġew preżentati fil-laqgħa. Għaldaqstant talab li jinagħta kopja tal-istudju li bdew jgħidu li sar kif ukoll l-emendi legali li jirregolaw is-swieq fil-beraħ li kienu saru. |
| **19.7.3 Food Handling waqt l-attivitajiet** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ġiet imsejħa għal-laqgħa mas-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika sabiex il-Kunsilli meta jagħtu permess ta' attivita' jagħtu wkoll formola li tiġi mimlija mill-organizzatur u tagħddi lis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.<br>Il-President semma li wara li kienet intbgħatet ċirkulari dwar dan lill-Kunsilli Lokali, kien hemm direzzjoni Ministerjali sabiex din iċ-ċirkulari tiġi irtirata. Il-President semma li huwa kien ikkomunika mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali li jekk kemm-il darba dan il-proċess irid jiġi irtitrat għandu jagħmel dan id-Dipartiment tas-Suppretendenza tas-Saħħa u mhux l-Assoċjazzjoni. |
| **19.7.4 Taħriġ mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li s-Segretarju tal-Assoċjazzjoni attenda għat-taħriġ organizzat mid-Diviżjoni – Train the Trainer. |
| **19.7.5 Konferenza Annwali FHRD** | Il-President semma li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jattendu għal din il-konferenza li tkun titratta suġġetti fuq l-immaniġjar tar-riżorsi umani. |
| **19.7.6 Cirkulari Caravans** | Il-President semma li kien infurmat li qed isiru laqgħat fuq bażi individwali mas-Sindki ta' lokalitajiet diversi. Is-Sa. Muscat Fenech Adami semmiet li qabel ikun hemm infurzar din is- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

sistema hija diffiċli li tiffunzjona. Semmiet ukoll li ser tkun irranġata s-sit tal-Għoqqod ġewwa n-Naxxar sabiex taqdi l-funzjonijiet ta' camping site.

**19.7.7 Macedonia**

Il-President semma li kien ikkuntattjat minn pajjiż ġewwa l-Macedonia sabiex possibbilment tibda kollaborazzjoni bejn lokalitajiet Maltin u dawk ġewwa l-Macedonia.

**19.7.8 Interreg Italia - Malta**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għada tattendi laqgħat online meta jiltaqa' l-Board ta' dan il-fond.

**19.7.9 MoU LESA fuq l-użu ta' CCTVs**

Il-President fakkar sabiex jiġi użat dan il-ftehim sabiex il-Kunsill jibbenifika minn 10% tal-ħlasijiet maħruġa minn dawn CCTVs. Is-Sa. Muscat Fenech Adami semmiet li qed ikun hemm problemi kbar ta' abbuż ta' skart madwar il-Bring-in Sites. Semmiet li għandu jkun hemm aktar infurzar anki mil-ERA.

**19.7.10 FITA**

Il-President semma li għaddej ix-xogħol fuq il-website tal-Assoċjazzjoni sabiex din tkun waħda aċċessibbli għall-persuni nieqsa mid-dawl.

**19.7.11 Salarji tal-Uffiċjali Maniġerjali**

Il-President semma li wasal għall-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni li kien hemm diskrepanzi fis-salarji tal-Uffiċjali Maniġerjali minn Reġjun għall-ieħor. Semma li ser ikun qed jara mas-Segretarju Permanenti li jkun hemm direzzjoni ċara f' dan ir-rigward.

**19.7.12 Ħinijiet ġbir ta' skart**

Il-President semma li il-kuntrattur mhuwiex obbligat li jbiddel drastikament u b' mod awtomatiku fuq talba tal-Kunsill il-ħinijiet tal-ġabra. Il-Kunsill għandu jidħol f' diskussjoni mar-Reġjun flimkien mal-kuntrattur sabiex wieħed isib bilanċ mingħajr ma jaffettwa lokalitajiet oħrajn.

**19.7.13 Mobility Week**

Il-President semma li kienet ġiet imnedija l-Mobility Week għas-sena 2023.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**19.8 Komunikazzjoni mill-Membri**

19.8.1 Is-Sa. Muscat Fenech Adami semmiet li hemm bżonn jibdew diskussjonijiet serji mal-LANDS Authority sabiex il-Kunsilli Lokali jiġu trattati b' mod aħjar u jinqdew fejn ikun meħtieġ. Il-President semma li ser ikun qed jintervejeni.

19.8.2 Chev. Paul Farrugia semma li l-Aġenzija LESA kienet għada ma tatx rimborż tal-ispejjeż ta' Tribunali li sar fis-sena 2022. Semma wkoll li kienu għadhom ma semaw xejn fuq kif ser jipproċedu għall-ispejjeż tas-sena 2023.

**19.9 Aġġornament**

19.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' l-Erbgħa, 23 t' Awwissu 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.20 li nżammet nhar l-Erbgħa, 23 t' Awwissu 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**